ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 52/07 – 18 TA' MEJJU 2016 FIS-18:00PM**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | *Irtira 19:50* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *Wasal fi 18:30pm – Irtira 20:20pm* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *Skużat* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji - *Inkluż Skeda ta' Pagamenti 39/07*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa nru. 51/07 tad-29 ta' April 2016 fis-6.00pm, ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

*Il-Kunsillier Luke Genuis wasal fi 6.30PM*

2. **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, hekk kif kien rrapurtat fil-laqgħat preċedenti, jidher li għadu kollox kif kien. Sadanittant żied is-Sindku li kien iltaqa mal-Avukat fuq xogħol ieħor u qablu li l-aħjar li l-ewwel niltaqgħu aħna bejnietna imbagħad niltaqgħu mal-Perit li kien responsabbli u wara niltaqgħu mal-Kuntrattur Vella Group. Il-Kunsill qabel unanimament. — Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-Proġett tal-ERDF, wara li kienet saret *sight visit* minn EU Fund Manager tal-PPCD, issa ġejna mitluba sabiex nagħtu xi dettalji dwar l-enerġija ġġenerata mill-pannelli solari. Ser nitolbu lill-Ing. tal-Kumpanija li nstallawhomna jagħtina din l-informazzjoni mitluba. — Proġett ERDF 213 – rapport finali

ii.i Sadanittant qal is-Sindku rigward il-vandaliżmu li sar fuq il-gazebo, issa jista' jikkonferma li jaf min huma l-persuni li kienu qed jidħlu fil-gazebo u ser jipproċedi mal-pulizija. Qal is-Sindku li qed jiġbor stima tal-ħsarat u ser jgħaddihom lill-pulizija. — Vandaliżmu

ii.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Information kiosk fi Pjazzetta Off Triq Sta. Tereża qed topera ta' kuljum. Ingħatajna wkoll xi materjal informattiv mid-Direttorat tat-Turiżmu li qed jitqassam flimkien mad-dvd u ktejjeb dwar ir-raħal. — Information Kiosk

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox *status quo*. — Turf tal-ground 5 aside

iv. Rigward *it-traffic management* propost fi Triq Kurunell Mass, il-Kunsillier Luke Genuis qal li din ġiet approvata hekk kif proposta. Ġie ssuġġerit niktbu lit-TM sabiex naraw dan il-proġett kif ser jipproċedi u min ser jagħmel xogħol jekk hux il-Kunsill Lokali jew l-istess TM. U fil-każ jekk jistgħux jgħinuna imqar f'parti minn dan il-proġett. — Traffic Managment – Triq Kurunel Mas

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, għamilna laqgħa mal-Perit il-gdid li minn naħa tiegħu dan tal-aħħar kellu jkellem lill-Perit Mintoff biex jara f'hix wasal. Il-Perit Avallone sadanittant kellmu lura u qallu li l-permess kien ħareg imma s-Sindku qallu li dan kien jafu diġa u li kellu jiċċekkja mal-Perit Mintoff f'hix kien wasal id-DNO li kien beda jieħu ħsieb. Il-Perit Avallone kellu jerġa jiċċekja. — Ġnien Kurunell Mass

v.i Sadanittant qal is-Sindku li l-fondi tal-UIF kien hemm il-ħsieb mill-Awtoritajiet li parti minn dawn il-flus jintużaw biex jitnaddfu plots vojta u jittellgħu ħitan. — UIF

vi. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident li kien seħħ fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra issa sirna nafu min kien il-persuna nvoluta. Dan għaliex wieħed mill-ħaddiema li għandna assenjati mal-Kunsill qal li hu dejjem kien jaf min hu u saħansitra seħaq li kien diġa għadda d-dettalji lill-Ex Sindku Joseph Abela xhur ilu dakinhar preċiż meta kien seħħ l-inċident. Imma l-Ex Sindku kien ħalla kollox għaddej u kulħadd preżenti jaf li anqas biss kien ħalla dettalji fil-Kunsill meta kien irriżenja. Ħadd mill-Kunsillieri ma kien infurmat dwar dan l-aġir tal-Ex Sindku Joseph Abela u kollha tennew li bħala persuni responsabbli mill-fondi pubbliċi mgħoddija lilhom mill-Gvern Ċentrali qatt ma setgħu jaċċettaw dan. Għaldaqstant il-Kunsill kollu — Inċident monument – Avukat UNTOURS

unanimament qabel li ladarba sirna nafu min hu dan l-individwu obbligati li mmexxu u għalhekk ser ninfurmaw lill-Avukat bid-dettalji kollha.

vii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li għadna qed nistennew mill-Planning Authority biex naraw x'ġara minn dan il-COMPLIANCE CERTIFICATE. S'issa konna għadna ma rċevejniex risposta mingħandhom. Meter Ġnien Ovindoli

viii. Rigward l-każ fejn l-impjegata Isabella Formosa kienet tħallset flus żejda u b'ammissjoni tagħha stess kien sar qbil mal-Ex Sindku Joseph Abela u L-Ex Seg. Eżek. sabiex hija ma tirritorna xejn diment li l-Awdituri ma jindunawx, is-Sindku Paul Farrugia nfurma lill-Kunsill li l-BORD TA' GVERNANZA qed jgħid li dawn il-flus għandhom jiġu rritornati. Is-Sindku qal li sadanittant l-uffiċċju ġiet ukoll rappreżentanta tal-UĦM fuq rapport li kienet għamlet s-Sra Isabella Formosa stess. Ġew spjegati lilha l-fatti u din kellha terġa tkellem lura lill-Isabella biex forsi naslu għall-konklużjoni. Każ ta' flus imħallsa żejda lill-impjegata Isabella Formosa

viii.i Sadanittant kompla jispjega s-Sindku li rigward flus imħallsa żejda ser nitkellmu mal-avukat.

ix. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, ser niktbu lid-Dipartiment Gvern Lokali sabiex id-DLG jidderiġina kif għandna nipproċedu. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta l-voluntiera tal-Għaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata kienu qed jarmaw l-armar tal-festa fi Triq is-Sorijiet bl-iscaffolding taw daqqa fuq il-bozza central hanging fejn ir-residenza nru. 149 fi triq s-Sorijiet u kissru l-fanal. Ser tintalab stima tal-ispejjeġ lill-Kuntrattur u dan il-kont ser ngħadduh lill-Għaqda sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż. Ħsara waqt l-armar għall-festa mill-Għaqda Kulura u Armar Marija Annuznajta

xi. Rigward il-*pass* ta' fejn l-iskola li l-Ex Sindku Joseph Abela kien qassam lir-residenti tal-akkwata, mingħajr ma' tal-anqas kienu ffirmati minnu sabiex b'hekk ikollhom awtorita', is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li l-ittra lir-residenti fejn qed ninfurmawhom li dawn il-passes ma kenux skond il-liġi, lesta u ser titqassam f'kull residenza fl-akkwata tal-Iskola mill-ħaddiema tal-Kunsill. Passes fejn l-iskola

xii. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li kienet saret it-talba lit-TM sabiex jindikawlna x'kienu l-ispejjeż li ried jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill, u dan fir-rigward it-talba li kienet saret sabiex issir pedestrian crossing fi Triq San Tumas. Żiedet tgħid is-Seg. Eżek. li ma kienx għad waslet risposta. Pedestrian Crossing Triq San Tumas

xiii. Rigward l-ittra mit-TM mibgħuta lir-residenti ta' Triq San Franġisk dwar li t-triq tagħhom kienu ser isirulha xi xogħlijiet mill-istess TM, is-Sindku qal li kien għal darb'oħra bgħat reminder tal-ittra li hu kien bgħat lill-Onor. Ministru Joe Mizzi kif ukoll lic-Chairman Sur James Piscopo fejn kien reġa talabhom l-bicca l-oħra tat-triq u talab ukoll jekk hux ser isiru s-servizzi. Reġa tehnna s-Sindku li kien għadu bla risposta. Xogħol mit-TM fi Triq San Franġisk

xiv. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar ix-xogħol maħsub li jsir fi Triq Palma minn TM, qal li rega kien hemm laqgħa oħra *on site*. Żied jispjega li huwa ppjanat li sal-Festa M'Annunzjata ma jinbeda xejn u aktarx anqas sal-Festa tal-Madonna tad-Duttrina. Xogħlijiet minn TM fi Triq Palma

xv. Is-Sindku spjega wkoll li oppona li ssir funtana imma minflokk isir pedistall u arblu u tittlella l-bandiera. Qal is-Sindku li talab lill-Onor. Silvio Parnis biex bħala l-Aġenzija għar-Riġenerazzjon tas-South jagħmel tajjeb għall-ispejjeż.

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba sabiex issir bozza ġdida fi TRIQ IL-FIERES din issa twaħħlet mill-Kuntrattur tal-Kunsill. Ser timtela l-formola STL u tintbgħat lill- Bozza ġdida Triq Fieres

Enemalta sabiex isir it-tqabbid tad-dawl ta' din il-bozza ġdida.

xvii. Il-Kunsillier Luke Genuis qal li ser ikellem lill-Perit responsabbli sabiex jara f'hix waslet il-proposta li ssir traffic management fil-parti tat-Triq ZEJTUN ma' Triq il-KNISJA quddiem l-Ispiżerija. Traffic Maangement – Triq Zejtun

xviii. Is-Seg. Eżek. qalet li kienet ntbgħatet l-ittra lit-TM sabiex sakemm jibda x-xogħol propost fi Triq Palma, jitgħattew it-tabelli kollha li diġa twaħħlu relatati max-xogħol propost u r-risposta li kienet waslet kienet li x-xogħlijiet kienu ser jibdew hekk kif il-MEPA kienet ser tgħaddilhom l-livelli tat-triq. Tabelli – Triq Palma

xxiii. Is-Sindku Paul Farrugia qal li waqt attivita' li ġiet organizzata dwar fondi għall-attivitajiet kulturali fejn preżenti kien hemm ukoll membri mill-Kumitatat V18, huwa staqsa x'tip ta' kuntratt kien sar ma' Joseph Abela u kemm ingħata fondi biex il-Pageant saret il-Belt Valletta minflokk Ħal Tarxien, pero baqgħa mingħajr tweġiba. Pageant tal— Ġimgħa l-Kbira l-Belt Valleta ta' Joseph Abela

xxiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq ir-rapport tal-Awdituri u t-tweġiba li kien ser jagħti l-Kunsill kienet ser issir laqgħa straordinarja. A/UDIT Report u Managment Reply

xxv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm kummenti pożittivi għall-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali għas-sapport li wera waqt il-Jum Internazzjonalii ddedikat lil dawk li jbgħatu mill- FIBROMYALGIA. Kienu nxtgħelu bil-vjola l-floodlights ta' quddiem il-Kunsill Lokali. FIBROMYALGIA

xxvi. Rigward it-talba tal-Iskola St Thomas Moore sabiex isiru xi bins fl-inhawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll forsi l-Kunsill ikunx jista' jisponsorja bins tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola, ġie deċiż li s-Sindku Paul Farrugia flimkien mal-Kunsillier Ishmael Dalli jagħmlu meeting mal- GREEN MT. Bins

xxvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sezzjoni tal-MSD li tieħu ħsieb il-manutenzjoni fuq il-BELISHA LIGHTS bdiet taħdem ġewwa Ħal Tarxien u x-xogħol miexi sewwa.. Manutenzjoni Belisha Lights

*Il-Kunsillier Keith Darmanin irtira mil-laqgħa fit-19:50pm.*

xxviii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kien daħal ilment mingħand l-Onor. Silvio Parnis f'isem persuna li jagħmel użu minn siġġu tar-roti. Dan is-Sinjur qed jitlob sabiex il-Kunsill jintervjeni u jara x'jista jagħmel sabiex forsi titwessa' l-bankina ta' quddiemu fi triq Marjanu Gerada. Is-seg. Eżek. wriet ritratti tas-sit in kwistjoni. Saret diskussjoni mill-Kunsill u ġie deċiż li dan il-każ jgħaddi għand it-TM għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Bankina – Triq Marjanu Gerada

xxix. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li kien wasal ilment mingħand residenta li għandha wield bi bżonnijiet speċjali fejn qed titlob sabiex il-Kunsill jneħħi barrier li hemm fi Triq San Tumas fil-kantuniera ma' Triq Dun Karm Sant. Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li din il-barrier titneħħa. Barrier – Triq San Tumas fil-kantuniera ma' Triq Dun Karm Sant

*Il-Kunsillier Luke Genuis irtira mil-laqgħa fit-20:18pm.*

xxx. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kien daħal ilment minn resident fi Triq l-Annunzjata sabiex il-Kunsill jirranġa l–bankina peress li kienet imkissra. Is-Seg. Eżek ippreżentat ritratti tas-sit in kwistjoni. Mir-ritratti jirriżulta li l-bankina tkissret mis-sidien li bnew il-binja fejn hemm il-bankina mkissra. Saret diskussjoni dwar dan u kien deċiż li din il-bankina trid issir mis-sidien li kienu kissruha biex bnew. Bankina – Triq l-Annunzjata

xxxi. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li persuna mill-Enemalta mid-Distrett ta' Raħal Ġdid kienet bagħtet email lill-Kunsill sabiex jew is-Sindku jew is-Seg. Eżekuttiv jmorru Meter Monument Vittmi Gwerra

jiffirmaw biex jitneħħa l-meter mal-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li l-Kunsill ma jistax jiffirma għal xi ħaġa li qatt ma kienet f'ismu. Ser ninfurmawhom dwar dan.

xxxii Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li l-Onor Parnis kien bgħat email f'isem residenta fi Triq Temi Zammit sabiex jistaqsi jekk hux possibli li ssir skip fl-akkwata. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li mhix policy tal-Kunsill li jsiru skips għaliex is-servizz ta' ġbir ta' skart jingħata ta' kuljum u l-pubbliku hemm bżonn li jidra jżomm l-indafa barra bħalma jagħmel f'daru. SKIP – Triq TEMI ZAMMIT

xxxiii Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li kienet daħlet talba mill-Ministeru għas-Saħħa biex it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016 bejn id-9:00am u 12:30pm tiġi l-Mobile Dental Clinic fil-Pjazza quddiem il-Knisja Parrokkjali. Talbu wkoll sabiex ikollhom servizz tad-dawl. Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata permess u s-servizz tad-dawl ser jingħata mill-Każin tal-Madonna tad-Duttrina. Mobile Dental Clinic

xxx.iv. Is-Sindku rrefera għall-każ fejn resident minn Triq Santa Marija kien kkuntatjah u qallu li quddiem id-dar tiegħu hemm bżonn urġenti ta' patching. Kif ukoll meta tagħmel ix-xita dawn il-ħofor qed jimtlew bl-ilma u l-karrozzi qed jtajjru l-ilma mal-faċċata tad-dar tiegħu u għaldaqstant kien qed iżomm il-Kunsill responsabbli ta' danni. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li ma jistax jinżamm responsabbli tat-titjir mal-faċċata tad-dar tiegħu għaliex il-patching sar mill-ewwel. Patching – Triq Santa Marija

## 3. Affarijiet Finanzjarji

- **<u>Skeda ta' Pagamenti</u>**

Ġiet imressqa Skeda ta' Pagamenti Nru. 39/07 għall-fatturi ta' Mejju 2016. Din ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

- Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li kienu ġew trasferiti l-flus bħala pagamenti kontra iċ-ċekkijiet li ma kienux sarfu l-Kunsillieri Lawrence Bonavia u Doris Vella kif ukoll l-Ex Impjegata Denise Vella.

## 4. Rapport tal-Kunsilliera

ii. ***Rapport mis-Sindku*** Proġeti Fondi EU

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema li kienu taħt l-iskema tal-Community Work issa ngħatalhom kuntratt indefinit u full time. Dan il-Kuntratt ġie spjegat lilhom mill-iSpetturi tal- Aġenzija li taħtha jaqaw. Dakinhar stess il-ħaddiema ffirmaw il-kuntratti rispettivi. Ġie spjegat lilhom li jridu jaħdmu t-tmien siegħat u tlett kwarti xogħol kuljum u dan biex fis-sajf ikollhom in-nofs ta' nhari. Is-Sindku żied jgħid li l-inspectors qalulna li rridu nipprovdulhom safety material biex jaħdmu. Is-Sindku qal ukoll li dak kollu neċessarju ser ikun ipprovdut lilhom. Qal ukoll li ser ikellimhom u ser iqassmilhom ix-xogħol u ser javżahom li jridu jagħtu l-ħin tagħhom u jridu jagħmlu dak mistenni minnhom.

- Is-Sindku qal li dwar il-proġetti li kien ppropona b'fondi Ewropej għadda kollox lill-kuntrattur biex jieħu ħsieb japplika.

***Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli***

- Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li għadu għaddej b'diskussjonijiet mal-Operatur sabiex isir bring in site tat-tessuti fi Triq Palma.

v. ***Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

- Il-Kunsilliera Doris Vella pproponiet li torganizza buffet breakfast nhar is-26 ta' Mejju 2016 fil-Vivaldi Hotel. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-attivita' tiġi organizzata.

**5. Ħwejjeġ Oħra**

Il-Kunsill qabel unanimament li l-LAQGĦA PUBBLIKA issir nhar l-20 ta' Mejju 2016 6:30PM ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**6. Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 21:00pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju 2016 fis-6:00PM

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**